Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 37/2016AE wara l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1959/15 fl-ismijiet:-

**Perit Raymond Vassallo u martu Mariella Vassallo**

**Vs**

**Regent Holdings Limited**

It-Tnejn, 21 ta' Marzu 2016.

Fl-14 ta' Jannar 2016 is-socjeta Regent Holdings Limited ipprezentat rikors ai termini tal-Artikolu 281(1) tal-Kap. 12. Ir-rikorrenti ppremettiet:

*1. Illi dan huwa mandat ezekuttiv mahrug minn Raymond u Mariella Vassallo kontra il-kumpannija wara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza bin-numru 1199/2010/MCH ottenuta mill-attur Raymond Vassallo wara l-ammissjoni tal-kumpannija fl-atti tat-talbiet attrici. Dik il-kawza kienet tressqet kiesah u biered minghajr l-ebda forma ta' pre-avviz u akkumpanjata b'mandat ta' sekwestru sabiex jithallsu lura shareholders' loans illi qatt ma kienu in diskussjoni u qatt ma kien hemm l-intenzjoni li jintalbu lura anzi kienu meqjusa bhala kapital aggunt tal-kumpannija, b'mod malizzjuz u sabiex jarreka l-akbar dannu possibbbli lill-kumpannija u possibilment ifalliha;*

*2. Illi wara dik is-sentenza l-Perit Vassallo thallas is-sorte kollha, u issa ghat-tieni darba, qed jaghmel dan il-mandat, issa ezekuttiv, sabiex jerga' jipprova jfalli lil din il-kumpannija din id-darba in vista tal-mandati esekuzzitiv li ntavola kontriha ghall-imghaxijiet u l-ispejjez pretizi minnu, u ghal darb'ohra minghajr l-ebda forma ta' pre-avviz gudizzjarju qabel il-hrug tal-imsemmija mandati;*

*3. Illi l-kumpannija Regent Holdings Limited, li taghha Vassallo huwa azzjonist, ma tikkontestax illi hemm ammont ta' imghaxijiet u spejjez dovuti lill-istess Vassallo bhala rizultat tas-sentenza imsemmija, izda l-ammont dedott fil-mandat ezekuttiv odjern u fil-mandat l-iehor mahrug ukoll dwar l-istess sentenza (apparti li l-ammonti ma jaqblux bejniethom fiz-zewg mandati (!)), li l-mandati gew notifikati hazin, u li l-principji legali tal-imghaxijiet l-ewwel, imbaghad l-ispejjez u l-fl-ahhar is-sorte gew kompletament stravolti, huwa assolutament skorrett, u ma jsib l-ebda riskontru la fis-sentenza u lanqas fil-ligi;*

*4. Illi l-prospett anness mal-mandat odjern huwa ghal kollox zbaljat;*

*5. Fir-realta' llum hemm titolu ezekuttiv favur il-konjugi Vassallo in vista tas-sentenza fl-atti tar-rikors numru 1199/2011/MCH u dan wara l-ammissjoni tal-intimati. Dak it-titolu ezekuttiv jintitolahom ghas-sorte, l-imghaxijiet mid-data tan-notifika tar-rikors propmotur (it-2 ta' Dicembru 2010) sad-data tal-pagament flimkien mal-ispejjez tal-Qorti (li skont it-taxxa ufficcjali jammontaw ghal €4,999.71 inkluz il-VAT);*

*Dan ifisser hekk:*

| | |
|---|---|
| *Sorte* | *€120,000* |
| *Imghax (2.12.2010 – 14.06.2011)* | *€5,102.47* |
| *Spejjez (inkluz. VAT)* | *€4,999.71* |
| *Total* | *€130,102.18* |

*Mill-flus offruti bhala pagament Vassallo gja thallsu s-somma ta' EUR 120,000 ossija EUR 12,667 (zbank 1), EUR 99,982.19 (zbank 2) u EUR 7,350.81 (flus uzati mill-ammonti depozitati favurih f'dawn l-atti u li hu zbanka u uzahom sabiex ihallas in parte l-mandati ezekuttivi mahruga wara s-sentenza 380/2009/CSH – haga li konvenjentement ma jsemmix fil-prospett). Kwindi se mai jifdal illi jithallas*

*ghas-saldu s-somma ta' EUR 10,102.18 u MHUX is-somma ferm akbar li qed jitlob Vassallo fil-mandati ezekuttivi;*

*6. Izda, minghajr pregudizzju ghall-pozizzjoni li dejjem hadet il-mittenti, u fl-aghar ipotezi jekk il-Qorti tqis illi Vassallo ma setghax jithallas billi tizbanka l-pagamenti offrut lilu u depozitati l-Qorti minhabba l-mandat ta' sekwestru numru 520/11 illi l-mittenti harget sabiex tikkawtela l-pretenzjonijiet taghha fil-kawza numru 361/11/JZM, anke hemm allura jirrizulta li l-komputazzjoni matematika ta' Vassallo fil-mandat ezekuttiv hija wkoll zbaljata;*

*7. Illi, di piu', il-mandati odjerni kif redatti huma totalment zbaljati fil-kuncett legali espressi (e.z. l-ewwel l-imghaxijiet, imbaghad l-ispejjez u fl-ahhar is-sorte mhux bil-mod kif gie redatt il-prospett bil-kontra) kif ukoll fuq il-bazijiet fattwali dikjarati ghaliex l-istess Vassallo heba mill-Qorti illi ma huwa dovut l-ebda ammont bilancjali fuq is-sorte ghaliex dan thallas kompletament. Dan ghaliex, apparti l-izbanki taz-zewg cedoli msemmija minnu, huwa wkoll ircieva u uza l-bilanc rimanenti mill-EUR 120,000 (ammont ta' EUR 7,350.81) biex ihallas dejn li kellu hu mal-azzjonisti tal-kumpannija;*

*8. Illi ghalhekk minhabba l-izbalji fil-mod kif gie redatt il-prospett li akkumpanja dan il-mandat ezekuttiv, minhabba l-premessi legali u fattwali skorretti u minhabba d-dikjarazzjonijiet inveritieri maghmula fir-rikors ta' dan il-mandat, fl-umli opinjoni tal-kumpannija jissussitu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex dan il-mandat jigi mhassar ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, il-kumpannija Regent Holdings Limited titlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*(a) thassar u tirrevoka in parte l-mandat odjern u konsegwentement tirrevoka wkoll contrario imperio d-digriet taghha f'dawn l-atti bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-istess Vassallo; u*

*(b) tistabbilixxi l-import dovut skont il-komputazzjoni korretta fl-ammont ta' EUR 10,102.18, jew, minghajr pregudizzju ghall-pozizzjoni tal-kumpannija fl-ammont ta' EUR 27,601.89 jekk kemm-il darba l-Qorti tqis illi d-depozitu sekwestrat ma jammontax ghall-pagament sa mid-data tas-sentenza in vista tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 520/11; u*

*(c) tordna l-akkorcjament fit-termini preskritti a tenur tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tal-effetti serji fil-ligi li mandati ezekuttivi bhal dak odjern jista' jkollhom fuq kumpannija bhal kumpannija Regent Holdings Limited;*

Fid-19 ta' Frar 2016, l-intimati pprezentaw twegiba fejn ikkummentaw dwar id-distakk enormi bejn il-kontendenti.

*a. L-ammonti mressqa miz-zewg partijiet huma:*

| | |
|---|---|
| *Kreditu pretiz minn Vassallo u kopert mill-Mandat* | *€58,131.84* |
| *Debitu ammess mill-kumpannija Regent – l-ahjar xenarju* | *€10,102.18* |
| *Debitu suggerit mill-kumpannija Regent – l-aghar xenarju* | *€27,601.89* |

*Kif wiehed jista' jispjega dan id-distakk?*

*b. Hemm aktar minn raguni wahda, izda jidher bic-car illi l-parti kbira tad-distakk hija attribwibbli lil metodologiji kontrastanti fil-komputazzjonijiet rispettivi;*

*c. Il-metodologija adottata minn Vassallo hija ghal kollox konsistenti mar-Regoli ta' Approprjazzjoni, cioe', kull darba li jsir pagament parzjali:*

*i. L-ewwel parti tmur kontra l-ispejjez legali;*

*ii. Imbaghad, fil-kaz li jkun hemm bilanc residwali attiv dan imur kontra l-interessi. Din hija prassi assodata fil-kaz ta' debitu soggett ghall-interessi, u prattikata kullimkien, inkluz minn istituzzjonijiet finanzjarji bhal banek;*

*iii. Ikun biss wara li jinqatghu l-ispejjes legali u l-interessi, li pagamenti jibdew imorru kontra l-kapital jew, fil-kaz odjern, kontra s-sorte pagabbli lil kreditur;*

*d. Jidher illi kienet proprju l-metodologija adottata mill-kumpannija Regent li qallbet ir-Regoli ta' Approprjazzjoni ta' taht fuq u mhux bil-maqlub, kif allegat mill-kumpannija. Il-kumpannija donnha qed tippretendi illi minn kull pagament parzjali l-ewwel tithallas is-sorte, imbaghad jithallsu l-interessi, u fl-ahhar jinqatghu l-ispejjez legali. Mhux ta' xejn li l-kumpannija Regent qeghdha tikkontendi, ghalkemm inkorrettement, illi s-sorte ilha li giet saldata;*

*Il-konjugi Vassallo semmew ukoll li kien sehh ftehim bonarju dwar zbankar illi kien hemm tratteniment u dewmien fit-twettieq ta' dan l-istess zbankar fejn Vassallo kien ircieva c-cekkijiet mit-tezor fit-18 ta' Gunju, 2015*;

*Vassallo wiegbu u semmew ukoll fuq korrezzjonijiet u aggornamenti tal-Prospett 'E'. Il-perit Vassallo qabel mal-kontenzjoni tal-kumpannija Regent Holdings illi huwa kien ircieva l-ammont €7,368 u ghalhekk dan l-ammont irid jitnaqqas mill-pretiza tieghu kif espressa fil-prospett 'E' formanti parti mir-rikors tieghu ghall-mandat 1959/15. Iridu jitnaqqsu wkoll xi interessi kkalkolati fuq dan l-ammont mit-18 ta' Gunju 2015 'il quddiem. Il-korrezzjoni korrispondenti giet imwettqa fil-prospett rivedut u anness bhala Dok. 'E1'; Mill-banda l-ohra, u fl-ispirtu ta' rikors incidentali, Vassallo aggorna l-kalkolu tal-imghax sad-19 ta' Frar 2016 (data tar-risposta prezentata), waqt li ghal darb'ohra jzomm id-dritt biex jitlob ammont veljuri fil-kaz ta' aktar dewmien biex jigi saldat il-kreditu favurih;*

*Il-perit Vassallo cahad bil-qawwa illi l-Mandat 1959/15 kien intiz biex ifalli lill-kumpannija Regent Holdings, kif malizjozament allegat fir-rikors. Din it-tezi m'hijiex kredibbli billi Vassallo huwa azzjonista f'din il-kumpannija ghas-sehem ta' kwart tal-azzjonat intier, bi pregudizzju enormi fil-kaz ta' falliment; Inolre', Vassallo kien haseb illi l-kumpannija kienet sejra tircievi sehemha ta' dividend ta' xi 15% mill-kumpannija sussidjarja Winex Holdings Limited, kif kien il-kaz kull sena matul dawn l-ahhar ghaxar snin. Id-dividend previst minn Vassallo isarraf f'somma netta (wara allokazzjoni ghat-taxxa) li kwazi jsalda l-kreditu rimanenti;*

*L-intimati rrilevaw illi l-kumpannija Regent tammetti illi ghad fadal xi bilanc favorih li ghadu pendenti. Infatti, il-kumpannija sahansitra kkwantifikat dan il-bilanc fl-ammont ta' €10,102.18, fl-ahjar xenarju ghaliha, jew fl-ammont ta' €27,601.89, fl-aghar xenarju. Fl-istess hin, hija naqset milli thallas l-ammont ammess minnha. Dan ikompli jsahhah il-pretiza ta' Vassallo fis-sens illi l-interessi ghadhom qed jakkumulaw; Vassallo wiegeb ukoll illi l-kumpannija qeghda anki thalli dubbju dwar il-kuncett ta' 'hlas effettiv' u qeghdha tissuggerixxi illi meta ddepozitat l-ammont ta' €98,431.36 (waqt li kontemporanjament issekwestrathom) dan kien jikkwalifika bhala hlas effettiv. Hemm gurisprudenza ampja li tirribatti tali suggeriment fejn Vassallo semplicement jinvoka s-sentenza tal-Imhallef J.R. Camilleri fil-kawza 'Watham vs Cutajar'*;

**Fatti.**

1. **Fit-3 ta' Novembru 2010**, inhareg mandat ta' sekwestru (1707/2010) kontra s-socjeta rikorrenti, fuq talba tal-konjugi Vassallo.
2. **Fit-22 ta' Novembru 2010**, Bank of Valletta Limited iddepozita s-somma ta' €20,035.49, b'riferenza ghall-mandat ta' sekwestru numru 1707/2010 fl-ismijiet Raymond Vassallo et vs Regent Holdings Limited (Cedola numru: 1473/2010).
3. **Fis-6 ta' April, 2011** Regent Holdings Limited iddepozitat is-somma ta' €98,431.96, b'riferenza ghall-mandat ta' sekwestru numru 1707/2010 (**Cedola numru 417/2011**).
4. **Fit-13 ta' April 2011** inhareg mandat ta' sekwestru (numru 520/2011) kontra l-konjugi Vassallo ghas-somma ta' mitt elf ewro (€100,000) [**Perit William Carbonaro et vs Perit Raymond Vassallo et**]. Is-socjeta rikorrenti deheret ukoll bhala sekwestratarja.

5. **Fl-14 ta' Gunju 2011** inghatat sentenza fil-kawza **Arkitett Raymond Vassallo et vs Regent Holdings Limited** (1199/2010), fejn il-Prim'Awla kkundannat lis-socjeta rikorrenti thallas lill-konjugi Vassallo s-somma ta' €120,000, bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat. L-ispejjez kienu €4999.71 bil-VAT.
6. **Fit-8 ta' Frar 2012** l-intimati zbankaw is-somma ta' €12,667.
7. **Fit-30 ta' Lulju 2013** thallset is-somma ta' €7,350.81.
8. **Fil-31 ta' Lulju 2013** inhareg kontromandat numru 1133/2013 li bih gie revokat il-mandat ta' sekwestru numru 520/2011.
9. **Fl-14 ta' Mejju 2015,** ir-rikorrenti awtorizzat l-izbank ta' €99,982. Il-qorti fehemet li l-hlas ta' €7,368 sar ukoll f'dak iz-zmien tant li f'nota prezentata fl-20 ta' Jannar 2016 r-rikorrenti ddikjarat li l-mandat ezekuttiv 2675/2010 li kien hemm kontra l-intimati, thassar fil-15 ta' Mejju 2015 (ara fol. 37).
10. **Fit-18 ta' Dicembru 2015**, l-intimati Vassallo ottjenew il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv (1959/2015) ghas-somma ta' €58,131.84 u li wassal ghal dawn il-proceduri.

**Konsiderazzjoni**.

1. Skond l-Artikolu 1169(1) tal-Kodici Civili, debitur ma jistax jimputa hlas ghall-kapital jekk *'minghajr il-kunsens tal-kreditur'*. Imbaghad skond subinciz (2) tal-istess provvediment, hlas akkont imur l-ewwel ghall-imghax. Fil-kaz prezenti ma jirrizultax li Vassallo kien taw il-kunsens li jissemma f'subinciz (1). Ghalhekk il-hlasijiet li saru jridu l-ewwel jigu mputati ghall-ispejjez u imghax.

2. Id-depozitu li sar mis-socjeta rikorrenti fis-6 ta' April 2011 ma kienx jiswa daqs il-hlas gialadarba ma sehhx dak li jipprovdi l-Artikolu 1173 tal-Kodici Civili.

3. Fuq il-kapital ta' €120,000 beda jiddekorri l-imghax b'effett mit-2 ta' Dicembru 2010, cjoe' d-data tan-notifika tar-rikors guramentat. L-imghax ma jiddekorrix fuq l-ispejjez in kwantu mis-sentenza hu evidenti li l-qorti kienet qeghda tirreferi ghall-kapital. Dan iffisser imghax ta' €9,600 kull sena fuq kapital ta' €120,000. Inoltre, l-qorti tinnota li mir-rendikont li pprezentaw l-intimati waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu 2016, jidher li qeghdin izidu l-imghax mal-kapital. Dan ifisser li qieghed isir *compounding of interest*, meta m'hemmx prova li sar dak kontemplat mil-ligi (ara Artikolu 1142 tal-Kodici Civili). Ghalhekk ir-rendikont m'huwiex korrett.

4. M'hemmx dubju li qabel 31 ta' Lulju 2013, meta allura nhareg il-kontromandat 1133/2013 li bih thassar il-mandat ta' sekwestru numru 520/2011 ghas-somma ta' €100,000, zgur li ma kienx possibbli ghall-konjugi Vassallo li jizbankaw il-flus li kienu gew depozitat bic-cedola 417/2011. Ghalhekk dak li pproponiet ir-rikorrenti f'paragrafu 5 tar-rikors hu skorrett ghal kollox, u dan tafu.

5. Skond il-kalkoli li ghamlet il-qorti, sal-31 ta' Lulju 2013, il-hlas li kien ghadu dovut lill-konjugi Vassallo kien **Kapital - €120,000** u **Imghax €19,475.71**.

6. Id-diffikulta' hi biss dwar id-data meta saru l-ahhar zewg hlasijiet. Li hu cert hu li fil-31 ta' Lulju 2013 il-konvenuti ma rcevew l-ebda hlas. Fit-twegiba, il-konjugi Vassallo qalu li kellhom diffikulta biex jizbankaw il-flus minhabba mandat ezekuttiv fl-ammont ta' €12,732.68 *'favur William Carbonaro et u kontra l-esponent'*. Il-qorti fehemet li kienu qeghdin jirreferu ghall-hlas dovut minnhom b'riferenza ghall-kawza **Perit Raymond Vassallo et vs Perit Edward Micallef et** (380/2009), li ghaliha Regent Holdings Limited ma kinitx parti. F'dan ir-rigward f'nota prezentata fl-20 ta' Jannar 2016 ir-rikorrenti ddikjarat li kien hemm mandat ezekuttiv bin-numru 2675/2010 fl-ismijiet **Perit Edward Micallef et vs Perit Raymond Vassallo** ghas-somma ta' €10,855.35, prezentat fis-26 ta' Lulju 2010 u mhassar fil-15 ta' Mejju 2015.

Mill-atti:

i. Ma jirrizultax meta l-konjugi Vassallo ghamlu t-talba mar-Registratur sabiex jizbankaw il-flus;

ii. Ma giex ippruvat dak li allegaw il-konjugi Vassallo f'paragrafu 4(c) sa (e) tat-twegiba. Il-qorti ma tifhimx kif ir-Registratur seta' kien qieghed jopponi ghal zbank meta l-intimati qalu: "l-unika ostakolu effettiv kien il-Mandat ezekuttiv ghall-ammont ta' €12,732.68)" (ara paragrafu 4(c) tat-twegiba). Dan meta tqies li kien hemm is-somma ta' €98,431.96 depozitata fil-qorti, u m'hemmx prova li kien hemm xi mandat kawtelatorju jew ezekuttiv iehor kontra l-konjugi Vassallo li kien ta' ostakolu. Ir-raguni tghidlek li fir-rigward ta' kull somma in eccess ta' €12,732.68 ir-Registratur mhux suppost kellu oggezzjoni ghall-izbank. Ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument kien, kull ma kellhom jaghmlu l-konjugi Vassallo hu li:-

(a) id-difensur taghhom jitkellem mad-difensur tas-socjeta rikorrenti sabiex tal-ahhar jikonferma lir-Registratur li ma kienx hemm oggezzjoni min-naha ta' Regent li tigi zbankata d-differenza bejn €98,431.96 u €12,732.68;

u jekk is-socjeta rikorrenti ma tikkoperax

(b) jaghmel rikors lill-qorti fejn tawtorizzah jizbanka d-differenza. M'hemmx prova li l-konjugi Vassallo ghamlu talba f'dan is-sens.

Din hi kwistjoni li facilment setghet giet rizolta f'dak iz-zmien bi ftit rieda tajba. Jidher li s-socjeta rikorrenti wara li f'Lulju 2013 inhargu l-kontromandati, ma baqghetx issegwi dak li gara mill-flus li kienet iddepozitat il-qorti fis-6 ta' April 2011 permezz tac-cedola 417/2011 li pprezentat fis-6 ta' April 2011. Dan minkejja li kien fl-interess taghha, bhala d-debitur, li tizgura li l-kreditur jircievi l-hlas. Min-naha l-ohra ma jidhirx li l-intimati kellhom wisq ghaggla biex jithallsu mill-flus li kien hemm depozitati u l-qorti temmen li hallew il-materja titkaxkar bla bzonn ghal xhur shah.

Il-qorti fehemet li meta tnehhew il-mandati kawtelatorji, cjoe' fil-31 ta' Lulju 2013, kien hemm qbil li l-flus li hemm depozitati fil-qorti jigu zbankati minn min ghandu dritt. L-intimati Vassallo kienu jafu li f'April 2011 is-socjeta rikorrenti kienet iddepozitat is-somma ta' 99,800 tant li dan 'il fatt issemma f'rikors li pprezentaw fit-2 ta' Awissu 2011 (fol. 40). Il-qorti hekk biss tista' tispjega l-irtirar tal-mandati kawtelatorji, partikolarment il-mandat ta' sekwestru numru 520/2011 fl-ismijiet **Perit William Carbonaro et vs Perit Raymond Vassallo et** ghas-somma ta' mitt elf ewro (100,000) meta l-kawza ghall-jedd pretiz kienet ghadha pendenti. Sahansitra fit-twegiba l-intimati ddikjaraw:

*4. Ftehim bonarju dwar zbankar izda trattenimenti u dewmien fit-twettieq tieghu.*

*a. L-erba' persuni msemmija aktar 'il fuq kienu waslu ghal ftehim bonarju li permezz tieghu tnehhew il-mandati kawtelatorji kollha kontra xulxin jew kontra socjetajiet relatati. Dan il-ftehim gie kristalizzat bil-preciz permezz ta' digriet tal-imhallef Joseph Zammit Mckeon fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2014….. F'dik is-seduta l-partijiet, kemm f'kapacita personali u anki ghan-nom tas-socjetajiet rispettivi, ftehmu wkoll illi jikkoperaw sabiex kull parti tkun tista' tizbanka l-ammonti spettani lilha.*

Il-qorti tinnota li ma giex prezentat kopja tad-digriet li l-intimati qalu li nghata fis-6 ta' Novembru 2014. Il-qorti trid tiddeciedi fuq il-provi li hemm fl-atti, u temmen li kif fil-31 ta' Lulju 2013 hareg il-kontromandat 1133/2013, is-somma depozitata fis-6 ta' April 2011 setghet tigi zbankata liberament, u hekk kellu jsir, bl-eccezzjoni tas-somma ta' €12,732.68 gialadarba jidher li kienet milquta minn mandat ezekttiv numru 2675/2010. Ladarba l-krendituri (konjugi Vassallo) accettaw dak id-depozitu, kellhom jipprocedu ghall-izbank u mhux ihallu dak iz-zmien kollu jghaddi sakemm jaghmlu dak li kien hemm bzonn li jsir biex jircievu l-flus. Fil-

fehma tal-qorti mill-31 ta' Lulju 2013 ma kellhomx ighaddu iktar minn tlett xhur[1] sakemm Vassallo jircievu l-hlas. Perjodu li matulu jibqa' jiddekorri l-imghax favur il-konjugi Vassallo. Fic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li l-intimati m'ghandhomx jedd ghall-imghax fir-rigward tas-somma ta' **€87,249.51** (€99,982.19 – €12,732.68) b'effett mill-1 ta' Novembru 2015.

7. Il-kapital li fadal x'jithallas lill-intimati Vassallo hu ta' **€41,659.70**, bl-imghax ikompli jiddekkorri mid-19 ta' Gunju 2015 sakemm isir il-hlas. Fic-cirkostanzi, hemm raguni valida skond il-ligi biex il-mandat ezekuttiv jithassar parzjalment gialadarba l-kapital dikjarat fil-mandat hu iktar minn dak li skond il-kalkoli tal-qorti hu dovut lill-intimati Vassallo.

8. Ma' dan il-provvediment il-qorti qeghda tehmez skeda bil-kalkoli li ghamlet (**AA1**), u liema dokument hu parti integrali minn dan il-provvediment.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi r-rikors billi:-**

1. **Fl-ewwel lok tiddikjara li l-kapital li ghadu dovut lill-intimati konjugi Vassallo hu ta' wiehed u erbghin elf sitt mija u disgha u hamsin ewro u sebghin centezmu (€41,659.70), bl-imghax b'sehh mid-19 ta' Gunju 2015 sakemm isir il-hlas.**
2. **A tenur tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12, thassar il-mandat ta' sekwestru *in parte* u cjoe' fir-rigward tas-somma ta' €16,472.14. Ghal kumplament il-mandat ezekuttiv ghandu jibqa' fis-sehh.**
3. **Tichad it-talbiet (b) u (c) tar-rikors promotur.**

**Spejjez ta' dawn il-proceduri jinqasmu nofs bin-nofs meqjus li s-socjeta rikorrenti kienet qeghda tippretendi li l-kapital hu nqas minn dak dikjarat mill-qorti pero' fl-istess hin it-talba tar-rikorrenti ntlaqghet parzjalment. Min-naha l-ohra fil-mandat ezekuttiv l-intimati ddikjaraw kapital iktar minn dak li effettivament hu dovut.**

Anthony Ellul.

[1] Perjodu li qieghed jigi ffissat mill-qorti meta tikkunsidra kemm hu ragonevolment mistenni sakemm kreditur jircievi l-hlas minghand il-Gvern ta' flus zbankati mill-qorti.

**Rikors numru**: 37/2016AE.

**AA1**.

| **Kapital dovut (€)** | **Perjodu/Data** | **Granet** | **Imghax dovut** | **Hlas (€)** |
|---|---|---|---|---|
| 120,000 | 2/10/2010 – 7/2/2012 | 493 | 12,966.57 | 12,667[8] |
| 120,000 | 7/2/2012 | | **5,299.28** | |
| 120,000 | 8/2/2012 – 31/7/2013 | 539 | 14,176.43 | |
| 120,000 | 31/7/2013[4] | | **19,475.71[6]** | |
| 120,000 | 1/8/2013 - 31/10/2013 | 92 | 2,419.73 | |
| 120,000 | 1/11/2013 | | **21,895.44[7]** | 87,249.51[9] |
| 54,645.93[2]<br><br>**41,659.70[3]** | 1/11/2013 sa 18/6/2015[5]. | 594 | 7,114.45 | 12,732.68[10]<br>7,368.00[11] |

Anthony Ellul

21 ta' Marzu, 2016.

---

[2] €120,000 – (€87,249.51 - €21,895.44) = €54,645.93.
[3] (€12,732.68 + €7,368) - €7,114.45 (imghax) = €12,986.23. **Bilanc tal-kapital li ghadu dovut hu: €54,645.93 - €12,986.23 = €41,659.70**.
[4] Data tat-revoka tal-mandati kawtelatorji.
[5] Data meta jidher li r-rikorrent ircieva hlas iehor mill-qorti.
[6] Imghax: €5,299.28 + €14,176.43 = €19,475.71.
[7] Imghax: €19475.71 + €2,419.73 = €21,895.44.
[8] €12,667 - €4,999.71 (spejjez) = €7,667.29. Somma li mbaghad trid titnaqqas mill-imghax akkumulat ta' €12,966.57 = €5,299.28.
[9] Ara paragrafu 6 tal-provvediment.
[10] Skond ma gie dikjarat fin-nota li pprezentat is-socjeta rikorrenti fl-20 ta' Jannar 2016, il-mandat ta' ezekuttiv numru 2675/2010 thassar fil-15 ta' Mejju 2015. Ic-cifra hi bazata fuq dak li ddikjaraw l-intimati f'paragrafu 4(c) tat-twegiba (fol. 71).
[11] Ammont dikjarat mill-intimati bhala tielet zbank (ara prospett rivedut li pprezentaw fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2016).